

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef wieħed) tat-18 ta' Diċembru 2015 – De Nicola
vs BEI**

(Kawża F-55/13)⁽¹⁾

(Servizz Pubbliku — Persunal tal-BEI — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni 2011 — Illegalità tad-deċiżjoni tal-kumitat tal-appelli — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)

(2016/C 048/100)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: L. Isola, avukat)

Konvenuta: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: G. Nuvoli u F. Martin, aġenti, A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett tal-kawża

It-talba għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet tar-rikorrenti tas-sena 2011.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-kumitat tal-appelli tal-Bank Ewropew tal-Investimenti tat-18 ta' Diċembru 2012 hija annullata.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet marbuta mal-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-2011 u ta' kull att-koanness miegħu, konsekutiv u preliminari.
- 3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Il-Bank Ewropew tal-Investimenti għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnati minn M. De Nicola.

⁽¹⁾ ĠU C 226, 03.08.2013, p. 26.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku) tat-18 ta' Diċembru 2015 – De Nicola
vs BEI**

(Kawża F-104/13)

(Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Fastidju psikoloġiku — Proċedura ta' investigazzjoni — Rapport tal-Kumitat ta' investigazzjoni — Definizzjoni żbaljata tal-fastidju psikoloġiku — Deċiżjoni tal-President tal-BEI li l-ilment ma jingħatax segwitu — Annullament — Rikors għad-danni)

(2016/C 048/101)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: L. Isola, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentant: G. Nuvoli u F. Martin, aġenti, A. Dal Ferro, avukat)